Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 416/2018

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)
(Spettur Rennie Stivala)
Vs
Charlene Spiteri

Illum, 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Charlene Spiteri detentriċi tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 503986(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnha fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula f'riżoluzzjoni waħda;

1. Fl-1 ta' April 2011, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji oħra;

2. Fis-7 ta'Lulju 2011, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, segħta fuq ħaddieħor, jew

ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

3. Fit- 13 ta' Frar 2012, b' mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'ħila, setgħa fuq ħaddieħor ,jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro **(€5, 000)** għad-dannu tal-kumpanija Middle Sea Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

4. Fit- 3 ta' Dicembru 2011, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann , jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' iktar minn ħames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Middle Sea Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

5. Fis-27 ta' Jannar 2012, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta'ħaddieħor, ta' aktar minn hames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

6. Fis-17 ta'Frar 2012, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b' qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta'ħaddieħor, ta'iktar minn hames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal- kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

7. Fil-22 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew

ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Allcare Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

8. Fl-14 ta' Awissu 2013, b' mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

9. Fl-14 ta'Ottubru 2013, bil-ħsieb li twettaq frodi b' għemil qarrieqi, wrejt dan il-ħsieb b'atti esterni, u tat bidu għall-esekuzzjoni tar-reat, liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta tagħha, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra;

10. Fit-13 ta' Lulju 2013, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b' qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila , setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

11. Fid-19 ta' Ottubru 2013, bil-ħsieb li twettaq frodi b'għemil qarrieqi, uriet da nil-hsieb b'atti esterni, u tat bidu għall-esekuzzjoni tar-reat, liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta tagħha, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn

ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency u/jew persuni/kumpaniji oħra;

12. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, bi ħsara għall-ħaddieħor, għamlet xi qliegħ ieħor b'qerq għad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanija ta' assikurazzjoni;

13. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, sabiex tikseb vantaġġ jew benifiċċju għaliha innifsha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz;

14. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-ħsieb li tikseb għaliha innifsha jew għall ħaddieħor li ħlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġiet, xerdet 'l' hawn u l' hinn, jew għarrqet b'xi mezz li jkun, ħwejjeg tagħha.
15. U aktar talli kkommettiet reat waqt il-perjodu, operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija lilha mill-Qorti tal-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD, nhar l-24 ta' Frar 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
16. Talli rrendiet ruħha reċidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD, mogħtija fil-24 ta' Frar 2011, sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Ottubru, 2018 li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 28A, 28B, 30, 41(1)(a), 49, 50, 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a)(b) (kif kienu qabel id-dħul tal-Att XXIV tal-2014), tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil **Charlene Spiteri**, fuq l-ammissjoni tagħha stess, reċidiva f'delitti, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u wara li rat l-Artikoli 17(b (h) u 18 tal-Kodiċi Kriminali kkundannata għall-piena ta' **tliet snin priġunerija** fir-rigward tal-imputazzjonijiet minn numru wieħed sa' numru erbatax. Kwantu għall-ħmistax il-imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li sabet li **Charlene Spiteri** wettqet ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali itrattat magħha għar-

rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement ordnat li s-sentenza ta' **tliet xhur priġunerija** sospiżi għal sentejn tigi fis-seħħ b'effett immedjat biex b'hekk hija giet kundannata għal perjodu komplessiv ta' **tliet snin u tliet xhur priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 532 A tal-Kodiċi Kriminali magħqud mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil ħatja sabiex tħallas is-somma ta' disa' u tletin elf ħames mija wieħed u għoxrin euro tmienja u sebgħin ċenteżmu (€39,521.78) jew il-bilanċ aktar verjuri eżistenti fil-jum tas-sentenza lil Atlas Insurance Plc, Elmo Insurance Limited, GasanMamo Insurance Limited, Mapfre Middlesea Plc u Untours Insurance Agents Limited skont dak imsemmi fil-kuntratt datat tmintax ta' Lulju 2017 (a fol 52 tal-proċess).

Rat ir-rikors tal-appellanti Charlene Spiteri, ppreżentat fil-21 ta' Novembru, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tikkonfermaha in kwantu fuq ammissjoni sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u tvarja l-piena mposta b'piena aktar ekwa u ġust għall-każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti Charlene Spiteri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:
Illi l-uniku lanjanza mqanqla mill-appellanti kontra d-decizjoni impunjata hija marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma taghha din

kienet wahda eccessiva u li ma haditx kont tal-aspett reformattiv. Tilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha tesplora sentenzi bbazati fil-komunita' kif issuggeriet lilha mill-Ufficjal tal-Probation Donalise Livori fil-*pre-sentencing report* minnha imhejji. Mhux biss l-appellanti ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u kkoperat mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, izda qieghda taghmel sforz sabiex tirrifondi l-ammont ta' flus mehud minnha indebitament. Tilmenta fuq kollox illi jekk hija tispicca inkarcerata mhijiex ser tkun aktar f'posizzjoni tirrifonda lil vittmi l-flejjes minnha mehuda ndebitament u wkoll illi l-inkarcerazzjoni taghha mhijiex ser tkun konduciva ghal riforma f' hajjitha.

Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

> **"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. .....**
>
> **As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**
>
> **""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. .... In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as**

> **opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**
>
> **This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Ibda biex Il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-ewwel u qabel kollox illi l-appellanti irregistrat ammissjoni ghal sittax-il reat lilha addebitati inkluz dak tar-recediva u il-ksur ta' sentenza sospiza biex b'hekk rhiet ruhu f'idejn il-Qorti sabiex tinghata l-piena li l-aktar tixraq ghad-dikjarazzjoni ta' htija minnha maghmula.

Issa minn qari tas-sentenza impunjata li hija motivata sew jidher illi l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena ta' tlett snin prigunerija hadet kont tal-ilmenti kollha ventilati mill-appellanti issa fi stadju ta' revizjoni. L-appellanti giet misjuba hatja b'xejn anqas minn sittax (16) imputazzjoni li b'mod ewlieni jitrattaw ir-reat ta' frodi fil-forma kontinwata tieghu u dan meta l-appellanti flimkien mal-komplici taghha holqot messa in xena sabiex jigu ffrodati diversi kumpaniji ta'l-assikurazzjoni u dan billi holqu diversi incidenti stradali, b'karozzi mahbuta u reklamar ta' danni konsegwenjzali.

Illi l-piena ghar-reat tal-frodi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet dik ta' prigunerija ta' bejn it-tlettax-il xahar (13) u sebgha (7) snin[2], liema piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn minhabba il-forma kontinwata tar-reat. Illi l-appellanti gie misjub hatja ukoll li hija recidiva fit-termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali fuq ammissjoni taghha stess u wkoll bl-ksur ta' ordni ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi allura meta l-piena ghar-reat l-iktar gravi fil-minimu tieghu huwa ta' tlettax-il xahar prigunerija bil-piena trid tizdied, kif inghad, minhabba l-forma kontinwata tar-reat, ghandu jririzulta illi l-piena b'zieda ta' minimu ta' zewg gradi ghandha tkun dik tal-prigunerija bejn sentejn (2) u ghaxar (10) snin' bil-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

[2] Il-piena zdiedet permezz tal-emendi li dahhlu fis-sehh bl-Att XXIV tal-2014

(minghajr il-konsiderazzjoni tar-recediva) mhux biss tkun wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, izda tqarreb iktar lejn il-minimu.

Illi din il-Qorti tqies illi f'dan il-kaz lanqas hemm lok li tinghata piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija mhux biss ghar-ragunijiet kollha migjuba mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, li din il-Qorti qed taghmilhom taghha, izda fuq kollox ghaliex b'mod sistematiku u ripetut l-ingann gie pperpetrat tul medda ta' snin, fejn fuq ammissjoni taghha stess rrizulta illi l-appellanti kienet il-mohh wara din il-kongura kriminali meta hegget lil komplici taghha biex jikkomettu r-reati lilha addebitati. Dan kollu jfisser illi sentenza bbazata fil-komunita ma tkunx qed taghmel gustizzja skont il-ligi. Mhux biss izda hi u l-komplici taghha kienu qed joholqu periklu ghall-utenti kollha tat-triq meta jigu mahbuta vetturi appozitament sabiex imbaghad issir *claim* mas-socjeta ta'l-assikurazzjoni ghal hlas ta' danni u dan bi hsara lejn is-socjeta in generali.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
>
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
>
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
>
> ***(d) the protection of the public***
>
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Issa ghalkemm huwa minnu li l-appellanti qieghda tipprova taghmel reparazzjoni ghal hsara minnha kkagjonata, u wkoll qed tfittex biex

tirriforma hajjitha, madanakollu l-Qorti tinsab b'idejha marbuta mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti ezercitat d-diskrezzjoni taghha b'mod gust u ghaqli meta giet biex teroga l-piena, izda ukoll ghaliex fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija ma tistax tigi ikkontemplata ghal motivi kollha indikati b'reqqa kbira fis-sentenza li l-appellanti qed tfittex biex timpunja. Finalment il-Qorti lanqas ma tista tinjora dak mistqarr mill-Ufficjal tal-Probation Donalise Livori fir-rapport taghha, illi ghalkemm tallbet lil Qorti tqies jekk legalment kien possibbli li tinghata sentenza fil-komunita', (esercizzju li jidher li sar mill-Ewwel Qorti) madanakollu kienet tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz piena karcerarja kienet wahda l-iktar idonja u dan wara li hi mhux biss harset lejn l-interessi tal-appellanti u r-riforma taghha, izda wkoll lejn il-hsara kkagjonata mill-appellanti fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom hija giet misjuba hatja, l-fehma espressa maghha minn uhud mill-vittmi ta' dawn ir-reati u l-hsara lilhom ikkagjonata, biex b'hekk allura l-Ewwel Qorti kellha ragun meta sostniet illi piena fil-komunita' ma tirriflettiex il-gravita u l-valur tar-reati kommessi mill-appellanti fejn l-ammont tal-hsara iqarreb lejn l-€40,000.

Finalment l-appellanti lanqas ressqet prova, issa fi stadju ta' revizjoni, sabiex turi jekk il-pagamenti fit-termini tal-kostituzzjoni ta' debitu tat-18 ta' Lulju 2017, humiex qed isiru minnha b'mod regolari u kif miftiehem, kuntrarjament ghal dak li sehh fir-rigward tas-sentenzi iccitati mill-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni finali[3] fejn l-pagamenti kienu qed isiru b'mod regolari u ammont sostanzjali mill-hsara kienet thallset, oltre ghal fatt illi f'dan il-kaz issa taht il-lenti tal-Qorti l-infrazzjonijiet tal-ligi huma multeplici. L-uniku prova li hemm fl-atti fir-rigward temergi mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 quddiem l-Ewwel Qorti, fejn Dr. Jason Grima ghal parte civile ddikjara illi ghalkemm kienu bdew isiru xi hlasijiet, madanakollu l-appellanti kienet diga qed tonqos milli teffetwa l-pagamenti

[3] App.Inf – il-Pulizija vs Vanya Aquilina – deciza 12/12/2018 (appellanti ma kenitx recediva f'dan il-kaz u pagamenti kienu qed isiru), App.Inf. Il-Pulizija vs Richard Micallef – deciza 31/01/2018 (pagamenti kienu qed isisru b'mod regolari), il-Pulizija vs Joseph Mary Borg – deciza 30/10/2018 (l-ammont tal-hsara kien ferm inqas)

minhabba problemi personali[4]. Ghaldaqstant l-aggravji imqanqla mill-appellanti ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[4] Ara verbal a fol. 70 tal-process